Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**Id-Disa' LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 8**
**4 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-fil-

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Sindku
Margaret Baldacchino Cefai : Kunsillier
Christine Amaira : Vici Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean-Claude Borg : Kunsillier (Dahal 06:30pm)
Alfred Farrugia : Kunsillier
Andrew Mallia : Kunsillier
Christopher Borg : Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv (Agent)

**Minuti**

Is-Sindku Charles Selvaggi ippresieda l-laqgħa b'urgenza.

**8.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

8.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta' apoloġija tas-Sur Nicholas.J.Chircop filwaqt li ġie mgħarraf mis-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai li is-Sur Jean Claude Borg ġej aktar tard
Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta'apoloġija

**8.2 Mozzjoni dwar ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għal-kunsill Lokali L-Imsida**

8.2.01 Is-Sindku Charles Selvaggi preżentata l-mozzjoni kif muri hawn li kienet sekondat mis-Sinjura Christine Amaira.
Wara li s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill Lokali l-Imsida is-Sur Alan Vella temm il-kariga tiegħu b'effett mit-30 ta'Ġunju 2024 b'hekk il-kariga ġiet dikjarata vakanti.
Wara l-arranġament ma'Dipartiment għal Gvern Lokali u l-approvazzjoni ta'Direttur Ġenerali sabiex is-Sur Vella jkompli jservi għal perjodu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv b'effett mill 1 ta'Lulju 2024 sakemm jimtela l-post vakanti.
Minħabba li din il-kariga għanda responsabiltà l-teżiġi impenn full-time min uffiċjal pubbliku sabiex jkun jista' jaġixxi skond il-ħtieġa tal-kunsill Lokali l-Imsida .
Qed tkun mressqa din il-mozzjoni b' proposta għan nomina ta' sinjura Josette Micallef bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv skond id-dispożizzjonijiet ta' artiklu 50 tal-att għal-Gvern lokali.

Is-Sinjura Margaret Cefai tenniet il-kunsens għan nomina ta'Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm din tkun applikata il-proċedura għal-kariga uffiċjali ta'Segretarju Eżekuttiv wara li ssir sejħa.

Saret diskussjoni dwar jekk għandiex tiġi applikata il-proċedura sabiex l-kariga uffiċjali ta'Segretarju Eżekuttiv tingħata wara li ssir sejħa jew le fejn is-Sindku Charles Selvaggi tenna li l-kunsill għandu jimxi skond id direzzjoni tal Direttur Ġenerali għal Gvern lokali.

Il-Kunsilliera preżenti unanimament wrew kunsens għan nomina ta'Deputat Segretarju Eżekuttiv skond id-dispożizzjonijiet ta' artiklu 50 tal-att għal-Gvern lokali.

**08.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Indikatur finanzjarju ta'Tielet trimestru ( Jannar-Settembru ) 2024.**

8.3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- indikaturi finanzjarji ta'tielet trimestru flimkien minn l-1 ta'Jannar sa 30 ta'Settembru 2024.
L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li matul dan il perjodu id-dħul kien ta' €688,866, filwaqt li l-ispiża kienet ta' €894,791.Hawn indikat f'Id dettal in-nefqa fejn spjegat li din qed tnaqqar mir-riservi mwarrba biex tikkontrolla il-cashflow għal meta jiġu mplimentata l-proġetti pjanata. Għalhekk anke meta wieħed jikkunsidra l-assi € 481,813 ma' l-obbligazzjonijiet kurrenti € 201,882 fejn se jibqa' kapital operattiv b'bilanċ pożittiv ta'€279,931 jew surplus ta' 40% meta mqabbel mal-allokazzjoni tal-Gvern sa dan il perjodu , il-Kunsill rrid xorta joqgħod attent biex jillimita l-spiża tiegħu għal dak li huwa biss essenzjali fl-Immedjat.

Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar l-allokazzjoni fejn spjega li din mhux biżżejjed u għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma'Direttur Ġenerali f'dan ir-rigward u biex jitalbu aktar fondi fejn is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta rapport dwar l-spiża kurrenti għal operat tal-kunsill sal-aħħar ta'Ġunju mqabbla mal-Allokazzjoni ta'fondi riċevuti sa dak il-perjodu fejn jidher ċar li dawn mhux biżżejjed.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li min dak inhar għandu rapport aġġornat sa l- aħħar ta'Ottubru mqabbel mal-allokazzjoni sħiħa ta €805, 230 sa tmiem Diċembru maqsuma kif indikata qabel id deskrizzjoni kif muri segwit b'l-żbilanċ jew bilanċ relatat.

(€23,059 _ Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna: -€23,145.85) , (€3,825 _ Fond għal-Latrini Pubbliċi: -€6,936.60) , (€90,993 _ Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq: Urbani / mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku: -€75,599.66) , (€226,443 _ Ġbir ta' Skart u Bins on Wheels: €145,536.16) , (€142,537 _ Waste Tipping Fees: €6,391.91) , (€64,919 _ Knis ta' Toroq urbani / mhux Urbani: -€8,081.01) , (€253,454 _ Spejjeż ta' Amministrazzjoni: €15,203.05) filwaqt li min sorsi oħra kien hemm dħul ta' €103,357.05 u fadal bilanċ ta' €77,147.26). Għalhekk kunsidrat dan il-kalkolu sakemm ma jkunx hemm fondi addizzjonali il-kunsill irrid joqgħod ħafna attent

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew ir-rapporti u approvaw unanimament.

**8.4 Tmiem tal-laqgħa**

8.4.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:45 ta' filgħaxija

Minuti preparati mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti Alan Vella u preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv kurrenti ġew konfermati, illum 26 ta' Novembru 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |